# Statwi tal-Immakulata fil-Knejjes tal-Belt Valletta

*Minn Mario Fenech*





L-ewwel knisja li tiltaqa magħha waqt li tkun dieħel fil-Belt Kapitali tagħna minn triq ir-Repubblika hija ta' dik ta' Santa Barbara fuq in-naħa tal-lemin tat-triq. Din il Knisja kienet imbniet fis-sena 1739 fuq il-pjanta tal-arkitett Ġużeppi Bonniċi. Kienu ħallsu għal-bini tagħha l-Kavallieri tal-Lingwa Provenza bil Kwadru titulari tagħha joħroġ minn idejn jew aħjar il-pniezel tal-Artist Antione Favray fis-sena 1747. Il-Knisja għalkemm hija waħda ta' daqs zgħir għandha diversi Opri Sagri sbieħ kemm ta' Kwadri kif ukoll skultura fil-ġebla Maltija.

Fuq il-Faċċata tal-Knisja tiddomina statwa sabieħa tal-Immakulta Kunċizzjoni. Din l-istatwa li hija ndurata bid-deheb, tqegħdet fil-Post nhar l-4 ta' Diċembru tas-sena 1904 biex jiġi mfakkar l-Anniversarju ta' għeluq il-50 sena mid-Domma tal- Immakulata. Din l-istatwa hija kopja tal-Istatwa tal-Immakulata li hemm fil-Pjazza Di Spagna f'Ruma. Interessanti l-fatt li din l-Istatwa tal-Immakulata tinsab ftit passi il-bogħod mil-Knisja ta' San Franġisk fuq in-naħa l-oħra tat-triq, magħrufa bħala ta' Putirjal mmexxija mil-Patrijiet Franġiskani Konventwali li fiha hemm imwaqqfa l-Fratellanza tal-Immakulata.

Fil-Kolleġġjata ta' San Pawl Nawfraġu fil-belt Valletta hemm xbieha oħra tal-Immakulata. Din hija xogħol mil-isbah maħdum fil-fidda u waqt il-jiem tal-festa ta' San Pawl Nawfragu tintrama fuq l-altar tal-Kor tal-Koleġġjata,

Din l-istatwa hija wkoll kopja ta' dik li hemm fi Pjazza Di Spagna. Hija ta' daqs żgħir u għandha post importanti f'din il-Koleġġjata għaliex titpoġġa fuq pedistall żgħir indurat bid-deheb eżatt taħt il-Kwadru Titulari tan-nawfragu ta' San Pawl xogħol tal- Artist Matteo Perez d'Aleccio fis-sena 1580. Fl-istess Koleġġjata ta' San Pawl Nawfraġu hemm Statwa kbira tal-Immakulata minquxa fl-Injam mil-Iskultur Ġiovanni Battista Delia fis-sena 1928. Aktar milli naqqaxha 'rridu ngħidu li dan għamel xogħol ta' tibdil fuq statwa oħra li qabel kienet fuq il-vapur tal- flotta ingliza H.M.S.Hibernia.

Dawn l-Istatwi tal-Immakulata li semmejt f'dan l-Artiklu huma biss ftit mil-ħafna li niltaqaw magħhom fil-Knejjes tal-Belt Valletta. Aktar dwar l-Istatwi u xbiehat ohrajn fl-Artiklu tal-Programm tas- sena d-dieħla.

Il- Festa t-tajba lill-Kulħadd.




**FRANCIS MIZZI**

*MAFIMEX LTD*

Fresh Fruit and Vegetable Merchant

IMPORT & EXPORT
Distributors of Fresh & Vegetables
for Catering Establishements
"PAULANG", P.P. MIFSUD STREET, HAMRUN
TEL: (356) 21 493362 FAX: 21 484761